MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Settembru, 2011

Numru 1068/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

**Emanuel Savona**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Emanuel sive Noel Savona ta' 52 sena bin Victor u Carmela neè Bugeja imwieled Pietà fit-30 ta' Lulju 1959, residenti Flt.5 Numru 48 "Sobornost" Triq Sant' Anglu, Birzebbugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 518959 (M) talli:

1. Nhar id-19 ta' Settembru 2011 ghall-habta tad-09:30 ta' filghaxija, filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard hekk kif kien qed jigi skortat lejn il-*lock up* tal-Pulizija, bi vjolenza u b'theddid gieghel lis-Surgent tal-

Pulizija 337 Mark Anthony Mercieca, lill-Kuntistabbli tal-Pulizija 886 Emanuel Micallef, lill-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri u lill-Kuntistabbli tal-Pulzija 890 Kevin Mallia, bhala Ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

2. Fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard hekk kif kien qed jigi skortat lejn il-*lock up* tal-Pulizija, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni tas-Surgent tal-Pulizija 337 Mark Anthony Mercieca, tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 886 Emanuel Micallef, tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri u tal-Kuntistabbli tal-Pulzija 890 Kevin Mallia, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti;

3. Fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard hekk kif kien qed jigi skortat lejn il-*lock up* tal-Pulizija, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent tal-Pulizija 337 Mark Anthony Mercieca, tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 886 Emanuel Micallef, tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri u tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 890 Kevin Mallia, bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqhom kontra il-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn, volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli tal-Pulizija 229 Kenneth Camilleri bhala persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz Pubbliku filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr. Edward Zammit M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard hekk kif kien qed jigi skortat lejn il-*lock up* tal-Pulizija, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma hallhiex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

6. Fl-istess cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn u aktar tard hekk kif kien qed jigi skortat lejn il-*lock up* tal-Pulziija, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma irregolari, cioè lembuba, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

8. Fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt li kien fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn u aktar qabel fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, saq vettura ta' l-ghamla Suzuki mudell Swift u bin-Numru ta' Registrazzjoni BBR-915 fit-triq jew post pubbliku iehor wara li kkunsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt fil-Ligi;

9. Filwaqt li kien fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn wara li nghata t-twissija dwar ir-rifjut tal-kampjun tan-nifs, irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs;

10. Fl-istess cirkostanzi, fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn u fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, f'lok pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu, meta fil-hsieb tieghu kellu vettura;

11. Fix-xhur ta' qabel u nhar id-19 ta' Settembru 2011, saq vettura ta' l-ghamla Suzuki mudell Swift bin-numru ta'

registrazzjoni BBR-915 minghajr ma kien illicenzjat mill-Kummisarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji u b'hekk ma kienx assigurat kontra t-terzi persuni ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni.

Rat ukoll illi giet mitluba sabiex tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Emanuel Savnona u dan skond kif mitlub fl-Art.15 (2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet sabiex jigu applikati l-Art.383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuni indikati fl-akkuzi migjuba kontra l-imputat u biex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Art.412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, u sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art.533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat u b'hekk rrinunzjat ghal dawn it-talbiet partikolari;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena

**Ikkunsidrat:**

Irrizulta lil din il-Qorti li r-reat li bih gie akkuzat l-imputat bis-seba' akkuza migjuba kontra tieghu in verità ma jezistix u b'hekk, ghad illi hemm l-ammissjoni ta' l-imputat, din il-Qorti ma tistax ssibu hati ta' tali akkuza u b'hekk tilliberah minnha. Fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni irtirat u b'hekk irrinunzjat ghat-talbiet sabiex jigu applikati l-Art.383,

384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-Ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi, sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Art.412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, u sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art.533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

B'hekk fid-dawl ta' dan appena osservat u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet sabiex tapplika l-Art.383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-Ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi, sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Art.412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, u sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art.533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat mis-seba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, it-tmien, id-disa' u l-ghaxar akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-imputat skuza ruhu mal-Pulizija ghall-akkadut, u b'hekk wara li rat l-Artikoli 17, 31, 91, 95, 221, 225, 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15B, 15E(4), 15H tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1),(2) u (2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija u hlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200), izda billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi hemm lok li l-imsemmi terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija jigi sospiz, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' sitt (6) xhur prigunarija ghall-perijodu ta' sena (1) snin mid-data ta' din is-sentenza. Ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkoncedi zmien sena lill-imputat biex ihallas il-multa ta' €1,200 u dan in vista tal-fatt li tali multa hi kemm xejn sostanzjali.

Ai termini ta’ l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenza tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax-il xahar mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. In oltre l-Qorti spiegat lill-imputat l-implikazzjonijiet legali jekk jonqos milli jhallas il-multa ta’ €1,200 entro t-terminu ta’ sena prefiss f’din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien stabbilit mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------